A.L. 93 tal-2009

ATT TAL-2009 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TAL-ESTIMI (ATT NRU. II TAL- 2009)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, L-Ekonomija, u Investiment għall-ħruġ ta' €60,000,000 3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (Ir-Raba' Ħruġ) - *Fungibility Issue*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att tal-2009 li jimplimenta Miżuri tal-Estimi 2009, u bl-artikolu 4(1)(a) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment awtorizza li l-ħruġ ta' Ewro 60,000,000 jiġi maħruġ kif ġej:-

- 3.6% *Stock* Tal-Gvern Ta' Malta 2013 (IV) *Fungibility Issue*

Mod tal-Ħruġ tal-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

2. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim tal-i*Stock* isir kif hemm spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta.

3. (a) Skond id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345), meta dawn l-i*Stocks* jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex kull *Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(b) Fit-18 t'Ottubru, 2009, wara l-pagament tal-ewwel mgħax, kull ammont allokat fit-3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) FI jiġi integrat mal-i*Stock* eżistenti u wara, dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* hi ta' €60,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'massimu ta' €20,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Ewro 1.80 għal kull Euro 100, 3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) FI jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-18 t'April u fit-18 t'Ottubru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas *pro rata* relattiv għall-perjodu bejn it-8 t'April, 2009 u s-17 t'Ottubru, 2009 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fit-18 t'Ottubru, 2009.

Fidwa ta' *Stock*.

6. It-3.6% Stock tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) FI jiġi mifdi b'parità fit-18 t'Ottubru, 2013.